MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 705/2002/1

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha International Tri Med Limited u l-istess International Tri Med Limited**

**Vs.**

**Mario Sammut**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih s-societa attrici talbet il-hlas ta' Lm352.51c (tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmi) rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut bil-vettura CAC517 habat mal-vettura HAT 857 propjeta ta' International Tri Med Ltd fejn il-konvenut kien unikament responsabbli.

Ra r-risposta li fih il-konvenut jghid li ma kienx responsabbli ghall- dana l-incident stradali izda kien unikament responsabbli is-sewwieq tal-vettura HAT 857.

Ra s-seduta datata fit-3 ta’ Lulju 2002 li fiha xehed Michael Philipov fejn qal li hu kien qed jistenna lill-mara Natasha Philipov fil-karozza HAT 857 meta il-vettura tal-konvenut dahlet go fih. Meta Michael Philipov hareg mil-karozza il-konvenut qallu li kien tort tieghu u iddeciedu li jmorru ghand il-pulizija fejn spejga kollox.

Ra x-xhieda ta Natasha Philipov fejn qalet li fil-hin tal-incident hi kienet qed tilab it-tennis. Michael Philipov infurma bl-incident dak il-hin stess u marret fuq il-post u taghtu id-dokumenti kollha. Tikkonferma li hi ma marretx ghand il-pulizija wara u tghid ukoll li ma tiftakarx f’liema posizzjoni kien it-trakk wara l-incident.

Ra s-seduta datata 30 ta’ Settembru 2002 li fiha xehed Mario Sammut fejn jghid li hu ipparkja double parking quddiem il-karozzi biex jara file li kien ma genbu filwaqt li halla it-trakk startjat. Sammut qal li hass it-trakk jiccaqlaq u meta hares fil-mera ra karozza diehla go t-trakk. Jghid ukoll li ma rajhiex tahbat mieghu izda ra diehla l-quddiem. Sammut qal li huma stennew sakemm gew il-pulizija. Sammut qal li t-Truck tieghu iccaqlaq bid-daqqa li qala mill-karozza l-ohra.

Ezatt wara l-habta Michael Philippov qal: “I was in my car (parked) reading a paper and then suddenly I heard the crash on the back of my car”.

Il-konvenut qal : “Jien kont waqaft bit-truck izda hallejtu startjat sabiex innizzel xi xoghol lis-Sunny Coast imbaghad karozza BMW li kienet ipparkjata wicca lejn il-Bahar irriversjat u dahlet fuq it-Truck. Irrid nghid li ix-xuffier taghha wara li laqat mat-truck rega mar il-quddiem kif kien ipparkjat.”

Illi huwa l-attur li jrid jipprova li l-konvenut kien unikament risponsabbli ghal incident. Philippov xehed li meta gara l-

habta hu kien wahdu fil-karozza u ma kienx fid-driver's seat. Philippov qal li ma isuqx meta ikun Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut xehed li hares lejn file ma gembu (bit-truck ghadu startjat) u kif kien qed ihares lejn dan il-file ma gembu saret il-habta. Hu ma rax il-habta izda ra l-karozza "diehla l-quddiem" wara l-habta.

It-Tribunal ghandu diffikolta jemmen il-versjoni tal-konvenut. Illi l-konvenut kellu t-truck ghandu "startjat" u kien qed ihares lejn il-genb tieghu. Wara l-habta l-konvenut qal li ra l-karozza l-ohra "diehla l-quddiem". Illi meta tkellem mal-Pulizija wara l-incident il-konvenut qal li wara li laqat mat-truck l-xufier (Philippov) rega mar il-quddiem kif kien ipparkjat.

Jekk Philippov kien fil-passenger seat ma setax jsuq il-quddiem u jerga imur fejn kien ipparkjat.

Illi l-konvenut ma cahadx li Philippov kien fil-passenger seat meta saret il-habta.

Ezatt wara l-habta l-konvenut qal li Philippov irriversja. Illi meta xehed fil-Qorti l-konvenut qal li ma ra lil karozza l-ohra biss wara l-habta.

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti, billi l-versjoni ta' Philippov hija hafna izjed probabbli u kredibbli t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jilqa t-talba attrici u ghaldaqstant jikkundanna lil konvenut li ihallas Lm352.51 bl-ispjjes u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut.

**Av. Philip Manduca**
**Gudikant**